

T

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 10.3.2011
KUMM(2011) 106 finali

2011/0049 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn
l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Għanijiet tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni

L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (International Civil Aviation Organization - ICAO) hija Aġenzija Speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti li tagħxi bħala forum dinji għall-avjazzjoni ċivili. L-ICAO taħdem biex tilħaq il-viżjoni tagħha ta' żvilupp mhux ta' periklu, sigur u sostenibbli tal-avjazzjoni ċivili permezz ta' kooperazzjoni fost l-Istati Membri tagħha. Il-bażi legali għall-ICAO hija l-Konvenzjoni ta' Chicago tal-1944. Bħalissa l-ICAO tkopri 190 pajjiż.

L-Unjoni Ewropea jeħtieġ li taħdem mill-qrib mal-ICAO. L-ewwel nett, ħafna aspetti tal-Konvenzjoni ta' Chicago huma kompetenza tal-Unjoni. L-ICAO qed issegwi politiki fl-oqsma tas-sikurezza, tas-sigurtà, tal-ambjent u tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. It-tieni nett, l-istandards u r-rekwiżiti tal-ICAO jiffurmaw il-bażi tal-leġislazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, xi standards, bħal standards ambjentali għall-inġenji tal-ajru, kienu inkorporati fil-liġi Ewropea mingħajr ma kien hemm il-possibbiltà li jiġu emendati. Għalhekk, għall-Ewropa huwa importanti li tkun impenjata fil-ħidma u fit-tfassil tal-politika tal-ICAO sabiex tikkontribwixxi għal politiki globali tal-avjazzjoni sodi. Barra minn hekk, hemm involuta wkoll il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-avjazzjoni ċivili. Din hija r-raġuni għala parteċipanti dinjin oħra huma involuti wkoll b'mod attiv fl-attivitajiet tal-ICAO.

L-Ewropa ħadet approċċ prammatiku għall-involviment tal-ICAO. Dan il-Memorandum ta' Kooperazzjoni huwa l-qafas għal **kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà tal-avjazzjoni, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-ħarsien tal-ambjent**. Il-kooperazzjoni, fost affarijiet oħra, se tieħu l-forma ta' stazzjonar ta' esperti u l-finanzjament ta' azzjonijiet speċifiċi. Il-ftehim jistabbilixxi wkoll kumitat konġunt għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tiegħu.

1.2. Aspetti proċedurali

Fis-17 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill ta mandat lill-Kummissjoni biex tniedi n-negozjati dwar dan il-ftehim. Il-Kummissjoni wettqet in-negozjati matul l-2010 b'osservazzjoni sħiħa ta' dan il-mandat. Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni kien sussegwentement inizjalat fis-27 ta' Settembru 2010 matul il-ftuħ tas-37 Assemblea tal-ICAO.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill se tapprova formalment l-iffirmar tal-ftehim internazzjonali u se tagħmel il-ftehim applikabbli provviżorjament, filwaqt li se tixpruna l-ħolqien ta' kumitat konġunt. Dan il-kumitat konġunt se jadotta l-annessi dwar is-sigurtà, l-ambjent u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, sabiex ikopri l-ambitu sħiħ tal-attivitajiet tiegħu. Fl-istess waqt ġiet proposta Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonkludi l-ftehim internazzjonali.

1.3. Konsistenza ma' politiki oħra u għanijiet tal-Unjoni

Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni se jservi għanijiet fundamentali tal-politika Ewropea esterna tal-avjazzjoni permezz tal-formalizzazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-ICAO u l-Ewropa.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-Istati Membri kienu informati b'mod regolari matul il-proċess kollu ta' negozjar. Il-Kummissjoni rrispettat il-kundizzjonijiet tal-mandat tal-Kunsill.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Sinteżi tal-azzjoni proposta

Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni jipprovdi l-qafas għal appoġġ għall-ICAO bl-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet speċifiċi jew li jiġu stazzjonati esperti mas-segretarjat tal-ICAO. Huwa jippermetti l-għir komuni u l-koordinazzjoni tal-appoġġ Ewropew.

3.2. Bażi legali

L-Artikoli 100(2) u 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3.3. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-ftehim ikopri kwistjonijiet fejn għandha kompetenza l-Unjoni Ewropea u fejn jeħtieġ li jinżammu relazzjonijiet mal-ICAO f'livell Ewropew.

3.4. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Dan il-ftehim biss huwa kapaċi jiġbor l-isforzi Ewropej flimkien u jipprovdi koordinazzjoni aħjar tal-appoġġ bejn l-Istati Membri.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni se jipprovdi appoġġ finanzjarju ta' EUR 500,000 kull sena għal perjodu inizjali ta' 3 snin u se jkun l-iskop ta' ftehim speċifiku għall-kontribuzzjoni fil-kuntest tal-Ftehim ta' Qafas Finanzjarju u Amministrattiv. Dan il-baġit jista' jkun ikkumplementat minn appoġġ finanzjarju mill-Istati Membri jew mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat Memorandum ta' Kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali f'konformità mal-mandat anness għad-Dokument 16021/1/09 REV 1, adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2009 li jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati;
- (2) Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni kien inizjalizzat miż-żewġ partijiet fis-27 ta' Settembru 2010 matul is-37 Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali f'Montréal;
- (3) Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni nneozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament, suġġett għall-konklużjoni tiegħu li setgħet issir f'data aktar 'il quddiem.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni, suġġett għal Deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li jiffirma(w) il-Memorandum ta' Kooperazzjoni fisem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tagħha.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Memorandum ta' Kooperazzjoni għandu jiġi applikat provviżorjament mill-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri kollha meħtieġa għal dan l-għan ikunu tlestew.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

MEMORANDUM TA' KOOPERAZZJONI

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa

L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO");

kif ukoll

L-Unjoni Ewropea ("UE");

Minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet":

FILWAQT LI JFAKKRU l-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ffirmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Chicago") u b'mod partikolari l-Artikoli 55 a) u 65 tagħha;

FILWAQT LI JFAKKRU t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (UE) iffirmit f'Lisbona fit-13 ta' Diċembru 2007 u b'mod partikolari l-Artikoli 218 u 220 tiegħu;

FILWAQT LI JQISU r-Risoluzzjoni A1-10 tal-Assemblea tal-ICAO, li awtorizzat lill-Kunsill biex jagħmel l-arranġamenti xierqa mal-organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali li l-attivitajiet tagħhom jaffettwaw l-avjazzjoni ċivili internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kollaborazzjoni teknika, l-iskambju tal-informazzjoni u d-dokumenti, l-attenzenza fil-laqgħat u kwistjonijiet oħra li jippromwovu kooperazzjoni effikaċi;

FILWAQT LI JFAKKRU l-Politika u l-Qafas għall-Kooperazzjoni tal-ICAO fir-rigward ta' Entitajiet Reġjonali tal-Avjazzjoni Ċivili u Organizzazzjonijiet Reġjonali li għandhom l-għan fost l-oħrajn li jikkonkludu ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' dawn l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet, kif irrakkomandat minn Simpożju tal-KE/ICAO dwar organizzazzjonijiet reġjonali, li sar bejn l-10 u l-11 ta' April 2008 f'Montréal;

FILWAQT LI JQISU li l-biċċa l-kbira tal-Istandards tal-ICAO fl-oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà tal-avjazzjoni, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, u l-ħarsien tal-ambjent huma indirizzati fil-liġi tal-UE rilevanti;

FILWAQT LI JQISU l-"Memorandum ta' Kooperazzjoni (Memorandum of Cooperation - MOC) bejn l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) dwar l-Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza u l-Kwistjonijiet Relatati", iffirmit f'Montréal fil-21 ta' Marzu 2006;

FILWAQT LI JQISU l-"Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali dwar Awditi/Spezzjonijiet tas-Sigurtà u Kwistjonijiet Relatati", iffirmit f'Montréal fis-17 ta' Settembru 2008;

BILLI l-Komunità Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti ffirmaw fid-29 ta' April 2003, Ftehim ta' Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA) ġdid li aderixxiet miegħu l-ICAO permezz ta' Ftehim mal-Komunità Ewropea ffirmat fis-7 ta' Diċembru 2004;

BILLI dan il-Memorandum ta' Kooperazzjoni ma jhux post jew ma jippreġudikax forom eżistenti ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet sakemm dawn jibqgħu fis-seħħ;

FILWAQT LI JQISU r-Riżoluzzjoni A36-2 tal-Assemblea tal-ICAO li fost l-oħrajn tirrikonoxxi li l-istabbiliment ta' sistemi reġjonali u subreġjonali ta' sorveljanza tas-sikurezza, inklużi organizzazzjonijiet reġjonali ta' sorveljanza tas-sikurezza, għandha potenzjal kbir li tassisti lill-Istati jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago permezz ta' ekonomiji ta' skala u armonizzazzjoni fuq skala ikbar, u li titlob ukoll lis-Segretarju Ġenerali biex ikompli jrawwem il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-USOAP u l-programmi ta' awditjar ta' organizzazzjonijiet oħra relatati mas-sikurezza tal-avjazzjoni, u barra minn hekk, tidderieġi lill-Kunsill biex jippromwovi l-kunċett ta' sistemi reġjonali u subreġjonali ta' sorveljanza tas-sikurezza, inklużi organizzazzjonijiet reġjonali ta' sorveljanza tas-sikurezza;

BILLI l-Partijiet għandhom viżjoni komuni kif jiksbu l-ogħla grad ta' uniformità tar-regolamenti operazzjonali, rekwiżiti u proċeduri Ewropej bl-għan li tintlaħaq konformità mal-istandards tal-ICAO inklużi fl-Annessi għall-Konvenzjoni ta' Chicago għall-benefiċċju tas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà tal-avjazzjoni, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-ħarsien ambjentali;

BILLI kull Parti għandha rwol importanti biex jintlaħaq dan l-għan;

BILLI l-Partijiet jixtiequ jimpenjaw ruħhom u jikkomunikaw ma' xulxin dwar il-kooperazzjoni reġjonali;

BILLI l-UE adottat regoli komuni fl-oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni u s-sigurtà tal-avjazzjoni u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u l-Kummissjoni Ewropa (KE) jagħmlu spezzjonijiet fl-Istati Membri tal-UE biex jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta' daww ir-regoli;

FILWAQT LI JQISU li fl-UE, il-Kummissjoni Ewropea għandha setgħat ta' infurzar biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà tal-avjazzjoni, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-ħarsien tal-ambjent;

FILWAQT LI JQISU li l-għanijiet primarji tal-programmi ta' awditjar tal-ICAO u l-programmi ta' spezzjoni tal-UE huma li jissaħħu s-sikurezza u s-sigurtà tal-avjazzjoni billi tkun evalwata l-implimentazzjoni ta' standards rispettivi, jkunu identifikati nuqqasijiet, jekk ikun hemm, u li tkun żgurata r-rettifika ta' nuqqasijiet fl-UE fejn meħtieġ;

BILLI l-UE stabbilixxiet Uffiċċju f'Montréal bil-għan li tiffaċilita t-tisħiħ ta' relazzjonijiet u kooperazzjoni bejn l-UE u l-ICAO u biex tiffaċilita iktar parteċipazzjoni u kontribuzzjonijiet mill-UE fl-attivitajiet tal-ICAO fil-Kwartieri Ġenerali tal-ICAO;

FILWAQT LI JQISU li, mingħajr ħsara għad-drittijiet jew l-obbligi tal-Istati Membri tal-UE taħt il-Konvenzjoni ta' Chicago jew għar-relazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u l-ICAO li tirriżulta mis-sħubija tagħhom mal-ICAO, hemm ix-xewqa li tkun stabbilita kooperazzjoni reċiproka bejn l-UE u l-ICAO fl-oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà tal-avjazzjoni, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-ħarsien tal-ambjent b'mod li jiżgura armonizzazzjoni ikbar ta' standards u koordinazzjoni iktar mill-qrib ta' attivitajiet rispettivi u bl-għan li jinkiseb użu aħjar ta' riżorsi limitati u tkun evitata dupplikazzjoni ta' sforzi filwaqt li tkun ippriżervata l-integrità taż-żewġ Partijiet;

U

BILLI l-Partijiet jirrikonoxxu n-neċessità li jipproteġu, sal-limitu meħtieġ mir-regoli rispettivi tagħhom, informazzjoni klassifikata mibgħuta mill-Parti l-oħra;

JAQBLU DWAR DAN LI ĠEJ

1. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu r-relazzjoni tagħhom u jistabbilixxu kooperazzjoni iktar mill-qrib fl-oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà tal-avjazzjoni, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-protezzjoni tal-ambjent u jiffaċilitaw, f'konformità mar-regoli ta' proċedura stabbiliti, il-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet u attendenza f'laqgħat bħala osservaturi permezz tal-iffirmar ta' dan il-Memorandum ta' Kooperazzjoni (MOC) għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili internazzjonali.
2. Dan l-MOC huwa mingħajr ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri tal-UE taħt il-Konvenzjoni ta' Chicago jew għar-relazzjoni bejn l-ICAO u l-Istati Membri tal-UE li tirriżulta mis-sħubija tal-Istati Membri mal-ICAO.
3. Dan l-MOC ma għandux ikopri jew jew ikun estiż għall-ebda teħid ta' deċiżjonijiet tal-ICAO jew tal-UE, inklużi deċiżjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni jew kwistjonijiet dwar tfassil ta' regoli, iżda għandu jistabbilixxi kooperazzjoni regolatorja fl-istadji ta' preparazzjoni ta' dawn l-attivitajiet.
4. L-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea f'Montréal, li jirrappreżenta lill-UE fil-Kwartieri Ġenerali tal-ICAO, għandu jiffaċilita r-relazzjonijiet UE-ICAO u għandu jservi bħala l-punt ta' kuntatt ewlieni tal-UE għall-ICAO fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' dan l-MOC.

2. GĦANIJIET

- 2.1 Dan l-MOC għandu:
 - a) jistabbilixxi qafas għal relazzjonijiet imsaħħin bejn il-Partijiet;
 - b) isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet;
 - c) jidentifika oqsma ta' kooperazzjoni reċiproka bejn il-Partijiet; kif ukoll
 - d) jistabbilixxi t-termini, il-kundizzjonijiet u l-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet.

3. AMBITU

- 3.1 Dan l-MOC għandu jistabbilixxi kooperazzjoni bejn il-Partijiet fl-oqsma li ġejjin:
 - a) is-sikurezza tal-avjazzjoni;
 - b) is-sigurtà tal-avjazzjoni;

c) il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru; kif ukoll

d) il-ħarsien tal-ambjent.

3.2 Kull wieħed minn dawn l-oqsma msemmija fil-paragrafu 3.1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun is-suġġett ta' Annessi separati għall-MOC.

3.3 Il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw il-mekkaniżmi miftiehma b'mod reċiproku u l-proċeduri neċessarji biex ikunu implimentati b'mod effikaċi attivitajiet ta' kooperazzjoni stabbiliti fl-Annessi għal dan l-MOC.

3.4 L-Annessi adottati skont dan l-MOC għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

4. *FOROM TA' KOOPERAZZJONI*

4.1 Il-Partijiet għandhom:

a) jistabbilixxu mekkaniżmi għall-konsultazzjoni, koordinazzjoni u kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni;

b) jiffaċilitaw l-armonizzazzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u interoperabbiltà ta' teknoloġiji u sistemi ġodda;

c) jikkoordinaw programmi ta' awditjar u ta' spezzjoni rispettivi u riżultati u attivitajiet ta' assistenza teknika bl-għan li jsir użu aħjar tar-riżorsi limitati u tkun evitata dupplikazzjoni ta' sforzi;

d) jiskambjaw informazzjoni dwar il-konformità mal-Istandards tal-ICAO;

e) jistabbilixxu arranġamenti għall-UE biex toffri għarfien espert u riżorsi lill-ICAO, inkluż fil-forma ta' individwi ssekondati taħt l-awtorità esklużiva tas-Segretarju Ġenerali, assistenza teknika u taħriġ speċjalizzat fejn prattikabbli;

f) jippermettu l-parteċipazzjoni tal-parti l-oħra fl-attivitajiet rispettivi tagħhom relatati mal-programmi ta' awditjar u spezzjoni u programmi ta' taħriġ, kif xieraq, filwaqt li l-osservaturi tal-UE jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-missjonijiet ta' awditjar tal-ICAO tal-Istati tal-UE biss bil-kunsens ta' din tal-aħħar, l-esperti tal-UE li jkunu qed jipparteċipaw fl-awditjar tal-ICAO bħala awdituri ssekondati mal-ICAO għandhom iżommu kwalunkwe informazzjoni relatata mal-missjoni ta' awditjar bħala strettament kunfidenzjali f'konformità mar-regoli tal-ICAO applikabbli; kif ukoll

g) mingħajr ħsara għall-obbligi taż-żewġ partijiet biex ma jkunx hemm divulgazzjonijiet u suġġett għall-applikazzjoni tar-regoli ta' kunfidenzjalità rispettivi kif stabbilit fl-Artikolu 6, jaqsmu informazzjoni elettronika, dejta u pubblikazzjonijiet uffiċjali u jipprovdu aċċess reċiproku għall-bażijiet ta' dejta u jsaħħu r-rabtiet bejniethom sabiex jikkumplementaw il-bażijiet ta' dejta eżistenti ta' xulxin.

5. *ATTIVITAJIET TA' KOOPERAZZJONI*

5.1 Il-Partijiet jaqblu, kif speċifikat fl-Annessi għal dan l-MOC, li jeżegwixxu b'mod konġunt l-attivitajiet ta' kooperazzjoni li ġejjin. Il-Partijiet għandhom:

5.1.1 Jistabbilixxu mekkaniżmi għall-konsultazzjoni, kooperazzjoni u qsim ta' informazzjoni, inklużi dawn li ġejjin:

- a) jistabbilixxu u jimplimentaw mekkaniżmi konġunti għal djalogu regolari, konsultazzjoni u qsim ta' informazzjoni;
- b) jiżguraw li kull Parti tinżamm infurmata fil-ħin dwar deċiżjonijiet, attivitajiet, inizjattivi, laqgħat u avvenimenti ta' rilevanza għal dan l-MOC fl-oqsma tas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà tal-avjazzjoni, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-ħarsien tal-ambjent u li tirċievi dokumentazzjoni rilevanti. Fejn xieraq, għandhom isiru aġġornamenti;
- c) jipprovdu aċċess mingħajr ħlas għad-dokumenti u l-pubblikazzjonijiet uffiċjali kollha;
- d) jagħmlu bażijiet ta' dejta u informazzjoni fuq websajts disponibbli għall-Parti l-oħra; kif ukoll
- e) jiżguraw li l-UE tirċievi u jkollha aċċess għall-ittri kollha tal-Istat tal-ICAO li s-suġġett tagħhom ikun rilevanti għall-ambitu ta' dan l-MOC u l-Annessi tiegħu.

5.1.2 Jistabbilixxu oqfsa ta' kooperazzjoni biex jikkoordinaw aħjar il-programmi ta' awditjar u spezzjoni bl-għan li jsir użu aħjar minn riżorsi limitati u li tkun evitata duplikazzjoni tal-isforzi.

5.1.3 Jistabbilixxu mekkaniżmi konġunti għall-koordinazzjoni mill-qrib ta' ppjanar ta' programmi u assistenza teknika.

5.1.4 Jikkooperaw fil-promozzjoni tal-interoperabbiltà globali ta' teknoloġiji u sistemi ġodda u jistabbilixxu mekkaniżmi konġunti biex isaħħu l-kooperazzjoni fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji ġodda.

5.1.5 Jiżguraw konsultazzjoni reċiproka fil-ħin bl-għan li jkun hemm koordinazzjoni mtejba u koerenza bejn ir-regolamenti, politiki, approċċi u SARPs tal-ICAO.

5.1.6 Jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' għarfien espert u riżorsi kif ġej:

- a) l-ICAO għandha ttipprovdi lill-UE b'għarfien espert u pariri dwar l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni tas-SARPS;
- b) l-UE għandha ttipprovdi għarfien espert lill-ICAO, inkluż fil-forma ta' individwi ssekondati mas-Segretarjat tal-ICAO.
- c) l-UE għandha tagħmel sforz biex ttipprovdi lill-ICAO b'kontribuzzjoni finanzjarja biex tkopri l-kostijiet imġarrba għall-implimentazzjoni ta' dan l-MOC, inklużi kostijiet amministrattivi, forniment ta' dokumentazzjoni u publikazzjonijiet u servizzi relatati, l-użu ta' faċilitajiet ta' swali fil-Kwartieri Ġenerali tal-ICAO u kostijiet għat-teknoloġija tal-informazzjoni;
- d) l-UE għandha tagħmel sforz biex ttipprovdi lill-ICAO b'kontribuzzjonijiet finanzjarji sabiex ikunu appoġġati programmi ta' kooperazzjoni tekniċi tal-ICAO u għal attivitajiet oħra tal-ICAO li għandhom ikunu miftiehma mal-Kumitat Konġunt, li jkunu konsistenti mal-ftehim ta' Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA); kif ukoll

e) kwalunkwe qafas ġdid u termini u kundizzjonijiet għal sekondar u kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-ICAO fil-kuntest ta' dan l-MOC għandhom ikunu stabbiliti fl-arranġamenti ta' ħidma għal dak l-iskop miftiehem fil-Kumitat Konġunt. Dawn l-arranġamenti ta' ħidma għandhom jinkludu l-possibbiltà għall-UE li titlob lill-ICAO informazzjoni finanzjarja fil-qafas ta' daww il-kontribuzzjonijiet.

5.1.7 Għandhom jinfirmaw lil xulxin dwar kwalunkwe programm ta' taħriġ rilevanti u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni mill-Parti l-oħra, kif xieraq.

5.1.8 Jorganizzaw avvenimenti rilevanti b'mod konġunt u jikkoordinaw avvenimenti, fejn xieraq.

6. *KUNFIDENZJALITÀ*

6.1 Kull Parti għandha tiegħu l-prekawzzjonijiet raġonevoli neċessarji kollha biex tipproteġi informazzjoni li tasal taħt dan l-MOC u l-Annessi tiegħu milli tkun divulgata b'mod mhux awtorizzat. Parti tista', meta tgħaddi informazzjoni lil Parti oħra, tidentifika l-partijiet tal-informazzjoni li tqis li għandhom ikunu eżentati mid-divulgazzjoni.

6.2 Il-Partijiet jaqblu li jissalvagwardjaw, sal-limitu meħtieġ taħt ir-regoli, ir-regolamenti u l-leġislazzjoni rispettivi tagħhom, il-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata mibgħuta mill-Parti l-oħra b'applikazzjoni ta' dan l-MOC u l-Annessi tiegħu.

6.3 B'mod partikolari, suġġetti għar-regoli, ir-regolamenti u l-leġislazzjoni rispettivi tagħhom, il-Partijiet ma għandhomx jiddivulgaw informazzjoni li tasal mingħand xulxin taħt dan l-MOC u l-Annessi tiegħu li hija meqjusa bħala proprjetà tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tkun immarkata kif xieraq bħala tali f'konformità mar-regoli rispettivi tagħhom.

6.4 Il-Partijiet għandhom jaqblu fuq arranġamenti ta' ħidma dwar proċeduri ulterjuri għall-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata pprovduta skont dan l-MOC u l-Annessi tiegħu skont il-meħtieġa. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu l-possibbiltà għal kull Parti li tivverifika liema miżuri ta' protezzjoni ġew stabbiliti mill-Parti l-oħra.

7. *KUMITAT KONĠUNT TAL-PARTIJIET*

7.1 Qed jitwaqqaf Kumitat Konġunt, kompost minn rappreżentanti ta' kull Parti. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun ippresedut minn rappreżentant ta' kull Parti. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun responsabbli għall-iffunzjonar effikaċi tal-Annessi għal dan l-MOC, inkluża l-adozzjoni tal-Annessi.

7.2 Għandha tissejjaħ laqgħa tal-Kumitat Konġunt għall-inqas darba fis-sena biex tanalizza l-implimentazzjoni tal-Annessi għal dan l-MOC u l-laqgħa għandha tkun organizzata b'mod kosteffikaċi. Kull Parti tista' titlob laqgħa tal-Kumitat Konġunt fi kwalunkwe ħin.

7.3 Il-Kumitat Konġunt jista' jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-funzjonament u l-implimentazzjoni tal-Annessi għal dan l-MOC. B'mod partikolari, għandu jkun responsabbli :

a) għar-risoluzzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni relatata mal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Annessi għal dan l-MOC;

b) għall-kunsiderazzjoni ta' modi li jsaħħu l-operat tal-Annessi għal dan l-MOC u biex jagħmel, kif xieraq, rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet għall-emendar tiegħu;

- c) għall-adozzjoni ta' Annessi għal dan l-MOC u ta' arranġamenti ta' ħidma fl-ambitu tal-Annessi jew l-emendi għalihom;
- d) għall-kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet finanzjarji u relatati mar-riżorsi għall-implimentazzjoni tal-MOC u l-Annessi tiegħu; kif ukoll
- e) għar-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe differenza jew tilwim dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan l-MOC u l-Annessi tiegħu.

7.4 Il-Kumitat Konġunt għandu jopera abbażi ta' ftehim bejn il-Presidenti li jirrappreżentaw il-Parti rispettiva tagħhom.

8. RIŻOLUZZJONI TA' TILWIM

8.1 Kull Parti tista' titlob għal konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra dwar kwalunkwe suġġett relatat ma' dan il-MOC. Il-Parti l-oħra għandha twieġeb fil-pront għat-tali talba u għandha tidħol f'konsultazzjonijiet fi żmien miftiehem bejn il-Partijiet li ma jaqbix 45 jum.

8.2 Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex isolvu kwalunkwe differenza bejniethom li tirriżulta mill-kooperazzjoni tagħhom taħt dan l-MOC fl-iktar livell tekniku baxx possibbli permezz ta' konsultazzjoni.

8.3 Fil-każ li xi differenza ma tiġix solvuta kif stipulat fil-paragrafu 8.2 ta' dan l-Artikolu, waħda mill-Partijiet tista' tirreferi t-tilwima lill-Kumitat Konġunt, li għandu jikkonsulta dwarha, f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan l-MOC, bl-għan li tissolva b'negozjati.

8.4 Minkejja l-paragrafi 8.1 sa 8.3 ta' hawn fuq, id-dispożizzjonijiet tal-FAFA dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwim għandhom ikunu applikati meta tkun indirizzata kwalunkwe tilwima li tirriżulta minn kwistjoni ta' ġestjoni finanzjarja.

8.5 Xejn f'dan l-MOC ma għandu jkun meqjus bħala revoka ta' kwalunkwe privileġġ u immunità tal-Partijiet.

9. DĦUL FIS-SEĦĦ, EMENDI U TERMINAZZJONI

9.1 Sakemm jidħol fis-seħħ, l-MOC għandu jiġi applikat provviżorjament mid-data tal-iffirmar tiegħu.

9.2 Dan l-MOC għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu jkunu tlestew, u għandu jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi tterminat.

9.3 Dan l-MOC jista' jkun terminat fi kwalunkwe ħin minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet. Din it-terminazzjoni għandha sseħħ b'notifika bil-miktub mibgħuta sitt xhur qabel minn Parti lill-Parti l-oħra, sakemm l-avviż imsemmi tat-terminazzjoni ma jkunx ġie rtirat bil-kunsens reċiproku tal-Partijiet qabel ma jiskadi dan il-perjodu.

GĦALL-UNJONI EWROPEA
ĊIVILI

GĦALL-ORGANIZZAZZJONI
INTERNAZZJONALI

TAL-AVJAZZJONI

ANNEX
IS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

1. Għanijiet

1.1 Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni fil-kuntest tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni (MOC) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) iffirmit f'Montréal fis-27 ta' Settembru 2010.

1.2 B'mod konsistenti mal-impenn tagħhom li jiksbu l-ogħla livelli ta' sikurezza tal-avjazzjoni fid-dinja kollha u għall-armonizzazzjoni dinjija tal-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati tas-sikurezza (SARPs), il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw mill-qrib fi spirtu ta' trasparenza u djalogu biex jikkoordinaw l-attivitajiet tas-sikurezza tagħhom.

2. Ambitu

2.1 Sabiex jilħqu l-għanijiet speċifikati fil-paragrafu 1.2, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fl-oqsma li ġejjin:

- iwettqu djalogu regolari dwar kwistjonijiet ta' sikurezza ta' interess reċiproku;
- jiksbu trasparenza permezz ta' skambju regolari ta' informazzjoni u dejta rilevanti għas-sikurezza u billi jipprovdu aċċess reċiproku għall-bażijiet tad-dejta;
- jipparteċipaw f'attivitajiet dwar is-sikurezza;
- jirrikonoxxu reċiprokament ir-riżultati tal-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza Universali (USOAP) tal-ICAO u l-Ispezzjonijiet ta' Standardizzazzjoni tal-UE;
- jimmonitorjaw u janalizzaw il-konformità tal-Istati mal-istandards tal-ICAO u l-ħarsien tal-Prattiki Rakkomandati;
- jikkooperaw fi kwistjonijiet regolatorji u li jistipulaw l-istandards;
- jiżviluppaw u jipprovdu proġetti u programmi ta' assistenza teknika;
- jippromwovu kooperazzjoni reġjonali;
- jiskambjaw esperti; kif ukoll
- jipprovdu taħriġ.

2.2 Il-kooperazzjoni msemija fil-paragrafu 2.1 għandha tiġi żviluppata f'dawk l-oqsma fejn tiġi eżerċitata l-kompetenza tal-UE.

3. Implimentazzjoni

3.1 Il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw mekkaniżmi u proċeduri miftiehma b'mod reċiproku biex jimplimentaw kooperazzjoni b'mod effikaċi fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2.1. Dawn l-arranġamenti ta' ħidma għandhom ikunu adottati mill-Kumitat Konġunt.

4. Djalogu

4.1 Il-Partijiet għandhom jorganizzaw laqgħat u telekonferenzi fuq bażi regolari biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' sikurezza u ta' interess reċiproku, u fejn xieraq, jikkordinaw attivitajiet.

5. Trasparenza, Skambju ta' Informazzjoni, Aċċess għal Bażijiet ta' Dejta

5.1 Il-Partijiet għandhom iħeġġu, suġġett għar-regoli applikabbli, it-trasparenza fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni fir-relazzjonijiet tagħhom ma' partijiet terzi.

5.2 Il-Partijiet għandhom ikunu trasparenti fil-kooperazzjoni tagħhom u jikkollaboraw fl-attivitajiet ta' sikurezza permezz tal-iskambju ta' dejta rilevanti u xierqa dwar is-sikurezza, informazzjoni u dokumentazzjoni dwar is-sikurezza, billi jipprovdu aċċess għal bażijiet ta' dejta rilevanti u billi jiffaċilitaw parteċipazzjoni reċiproka fil-laqgħat. Għal dan l-għan, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw il-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni, għall-provvediment ta' aċċess għal bażijiet ta' dejta u li jiggarrantixxu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tkun waslililhom mill-Parti l-oħra f'konformità mal-Artikolu 6 tal-MOC.

6. Parteċipazzjoni f'attivitajiet dwar is-sikurezza

6.1 Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan l-Anness, kull Parti għandha, kif xieraq, tistieden lill-Parti l-oħra biex tipparteċipa f'attivitajiet u laqgħat relatati mas-sikurezza bl-għan li jkunu żgurati kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib. Il-modalitajiet għal din il-parteċipazzjoni għandhom ikunu stabbiliti fl-arranġamenti ta' ħidma miftiehma mill-Partijiet.

7. Koordinazzjoni tal-USOAP tal-ICAO u l-Ispezzjonijiet ta' Standardizzazzjoni tal-UE

7.1 Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma tal-USOAP u l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni sabiex jiżguraw użu effikaċi ta' riżorsi limitati u jevitaw duplikazzjoni ta' sforzi, filwaqt li jippreżervaw l-universalità u l-integrità tal-USOAP tal-ICAO.

7.2 Sabiex tkun ivverifikata konformità mill-Istati Membri tal-UE mal-Istandards relatati mas-sikurezza tal-ICAO u l-ħarsien tal-Prattiki Rakkomandati tal-ICAO, u biex jintlaḥqu l-għanijiet speċifikati fil-paragrafu 7.1, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu qafas għat-twetiq, kif xieraq ta':

- (a) awditjar tas-sorveljanza ta' sikurezza tal-ICAO tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) dwar SARPs relatati mas-sikurezza li huma indirizzati fil-leġislazzjoni tal-UE u fir-rigward ta' ċerti funzjonijiet u kompiti li l-EASA twettaq fisem l-Istati Membri tal-UE; kif ukoll

- (b) sorveljanza tal-ICAO tal-Ispezzjonijiet ta' Standardizzazzjoni tal-UE mwettqa mill-EASA tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE dwar SARPs relatati mas-sikurezza li huma indirizzati mil-leġislazzjoni tal-UE.

7.3 Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw il-mekkaniżmi u l-proċeduri meħtieġa għall-implimentazzjoni effikaċi tal-qafas imsemmi fil-paragrafu 7.2. Dawn l-arranġamenti ta' ħidma għandhom jindirizzaw, *inter alia*, l-aspetti li ġejjin:

- (a) l-ambitu tal-attivitajiet ta' intervent tal-USOAP tal-ICAO inkluż awditjar u missjonijiet ta' validazzjoni bbażati fuq analiżi komparattiva tal-leġislazzjoni tal-UE u SARPs tal-ICAO relatati mas-sikurezza;
- (b) parteċipazzjoni reċiproka fl-attivitajiet rispettivi ta' awditjar, spezzjoni u validazzjoni ta' kull Parti;
- (c) informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn kull Parti għall-iskopijiet tal-USOAP tal-ICAO u l-Ispezzjonijiet ta' Standardizzazzjoni tal-EASA;
- (d) l-iżgurar tal-kunfidenzjalità fejn ikun meħtieġ, protezzjoni ta' dejta u l-immaniġġjar ta' informazzjoni sensittiva; kif ukoll
- (e) żjarat fuq il-post.

8. Qsim ta' informazzjoni u analiżi dwar is-sikurezza

8.1 Mingħajr ħsara għar-regoli applikabbli tagħhom, il-Partijiet għandhom jaqsmu ma' xulxin dejta rilevanti dwar is-sikurezza miġbura permezz tal-USOAP u sorsi oħra, bħall-attivitajiet ta' approċċ ta' monitoraġġ kontinwu tal-ICAO, l-Ispezzjonijiet ta' Standardizzazzjoni tal-EASA u l-ispezzjonijiet SAFA, kif ukoll analiżi magħmula abbażi ta' din id-dejta.

8.2 Il-Partijiet għandhom jikkooperaw mill-qrib fi kwalunkwe azzjoni meħuda biex tkun żgurata konformità aktar effikaċi mas-SARPs fl-UE u fi Stati oħra. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni, l-iffaċilitar ta' djalogu bejn il-Partijiet ikkonċernati, żjarat jew spezzjonijiet fuq il-post, u l-koordinazzjoni ta' kwalunkwe attività ta' assistenza teknika.

9. Kwistjonijiet regolatorji

9.1 Kull Parti għandha tiżgura li l-parti l-oħra tinżamm infurmata dwar il-liġijiet, ir-regolamenti, l-istandards, ir-rekwiżiti u l-prattiki rrakkomandati rilevanti kollha tagħha li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness, kif ukoll kwalunkwe modifika tiegħu.

9.2 Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin f'ħin adegwat dwar kwalunkwe modifika proposta għal-liġijiet, ir-regolamenti, l-istandards, ir-rekwiżiti u l-prattiki rrakkomandati rilevanti tagħhom, safejn dawn il-modifiki jista' jkollhom impatt fuq dan l-Anness. Fid-dawl ta' dawn il-modifiki, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta emendi għal dan l-Anness, kif meħtieġ, skont l-Artikolu 7 tal-MOC.

9.3 Fl-isfond tal-armonizzazzjoni dinjija tar-regolamenti u l-istandards dwar is-sikurezza, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar kwistjonijiet regolatorji tekniċi fil-qasam tas-sikurezza tal-

avjazzjoni matul l-istadji differenti tat-tfassil ta' regoli jew il-proċessi tal-iżvilupp tas-SARP, u għandhom jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fl-entitajiet tekniċi assoċjati, fejn xieraq.

9.4 L-ICAO għandha tipprovdi lill-UE informazzjoni fil-ħin dwar deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-ICAO li jaffettwaw is-SARPs relatati mas-sikurezza, billi tipprovdi aċċess sħiħ għall-Ittri lill-Istati u l-Bullettini Elettroniċi tagħha.

9.5 Fejn xieraq, l-UE għandha tipprova tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE tkun f'konformità mas-SARPs relatati mas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-ICAO.

9.6 Minkejja l-obbligi tal-Istati Membri tal-UE bħala Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Chicago, l-UE għandha fejn xieraq, tiddjaloga mal-ICAO biex tipprovdi informazzjoni teknika f'każijiet meta jitfaċċaw kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-Istandards tal-ICAO u l-ħarsien tal-Prattiki Rakkomandati tal-ICAO skont l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

10. Proġetti u Programmi ta' Assistenza Teknika

10.1 Il-Partijiet għandhom jikkoordinaw assistenza lill-Istati fi sforz biex jiżguraw l-użu effikaċi tar-riżorsi u jevitaw sforz iddupplikati, u għandhom jiskambjaw informazzjoni u dejta dwar proġetti u programmi ta' assistenza teknika relatati mas-sikurezza tal-avjazzjoni.

10.2 Il-Partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet konġunti biex iniedu u jikkoordinaw sforzi internazzjonali biex jidentifikaw donaturi li huma lesti u li huma kapaċi jikkontribwixxu assistenza teknika mmirata lejn Stati li għandhom nuqqasijiet ta' sikurezza sinifikanti.

10.3 Il-kontribuzzjonijiet tal-UE għandhom b'mod partikolari jkunu diretti lejn programmi u proġetti mmirati lejn l-assistenza ta' Stati u entitajiet tal-avjazzjoni ċivili reġjonali biex isolvu nuqqasijiet ta' sikurezza sinifikanti, jimplimentaw is-SARPs tal-ICAO, jiżviluppaw kooperazzjoni regolatorja u jsaħħu sistemi tal-Istat ta' sorveljanza tas-sikurezza, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' sistemi reġjonali ta' sorveljanza tas-sikurezza.

11. Kooperazzjoni reġjonali

11.1 Il-Partijiet għandhom jagħtu prijorità lill-attivitajiet immirati lejn l-aċċellerazzjoni tal-istabbiliment ta' Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Sorveljanza tas-Sikurezza meta l-approċċ reġjonali joffri opportunitajiet għat-titjib tal-proċessi tal-kosteffiċjenza, tas-sorveljanza u/jew tal-istandardizzazzjoni.

12. Assistenza Esperta

12.1 Mingħajr ħsara għall-iskemi ta' assistenza esperta żviluppati barra l-ambitu ta' dan l-Anness, l-UE għandha tipprova tagħmel disponibbli għall-ICAO esperti b'għarfien espert tekniku pruvat fl-oqsma rilevanti tas-sikurezza tal-avjazzjoni, fuq talba, biex iwettqu kompiti u jipparteċipaw f'attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Anness. Il-kundizzjonijiet ta' assistenza esperta bħal din għandhom ikunu speċifikati f'arranġament ta' ħidma bejn il-Partijiet.

13. Taħriġ

13.1 Fejn xieraq, kull Parti għandha tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' persunal tal-Parti l-oħra fi kwalunkwe programm ta' taħriġ relatat mas-sikurezza tal-avjazzjoni li tipprovd.

13.2 Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni u materjali relatati ma' programmi ta' taħriġ relatati mas-sikurezza tal-avjazzjoni u, fejn xieraq, jikkoordinaw u jikkooperaw fl-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ.

13.3 Fil-qafas tal-attivitajiet koperti mill-Artikolu 10 ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-parteċipazzjoni fi programmi ta' taħriġ ta' apprentisti li jiġu minn Stati jew reġjuni li lilhom tkun qed tiġi pprovduta assistenza teknika minn waħda mill-Partijiet.

14. Analiżi

14.1 Il-Partijiet għandhom janalizzaw l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness fuq bażi regolari u, skont kif meħtieġ, jikkunsidraw kwalunkwe politika rilevanti jew żviluppi regolatorji.

14.2 Kwalunkwe analiżi ta' dan l-Anness għandha titwettaq mill-Kumitat Konġunt imwaqqaf skont l-Artikolu 7 ta' dan l-MOC.

15. Dħul fis-Seħħ, Emendi u Terminazzjoni

15.1 Dan l-Anness għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni mill-Kumitat Konġunt u għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ikun terminat.

15.2 Arranġamenti ta' ħidma miftiehma skont dan l-Anness għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni mill-Kumitat Konġunt.

15.3 Kwalunkwe emenda għal, jew terminazzjoni ta' arranġamenti ta' ħidma adottati skont dan l-Anness għandhom ikunu miftiehma fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

15.4 Dan l-Anness jista' jkun terminat fi kwalunkwe ħin minn kwalunkwe Parti. Din it-terminazzjoni għandha tkun effettiva sitt xhur wara l-wasla lil parti waħda ta' notifika bil-miktub tat-terminazzjoni mill-parti l-oħra, sakemm in-notifika ta' terminazzjoni msemmija ma tkunx ġiet irtirata bil-kunsens reċiproku tal-Partijiet qabel ma jkun skada l-perjodu ta' sitt xhur.

15.5 Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Artikolu, jekk l-MOC jiġi terminat, dan l-Anness u kwalunkwe arrangement ta' ħidma adottat skont l-Artikolu, għandu jiġi terminat fl-istess ħin.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) li jipprovdi kuntest għal qafas imsaħħaħ

1.2. Il-qasam/l-oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB: Politika Ewropea tal-Avjazzjoni – relazzjonijiet internazzjonali

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva: ftehim internazzjonali

1.4. Għan(ijiet): tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-ICAO billi jkun ipprovdut appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet speċifiċi jew għal stazzjonar ta' esperti

1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva: l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali hija s-sors tal-istandards u tal-politika tal-avjazzjoni dinjija. Billi l-Unjoni hija kompetenti għall-politika Ewropea tal-avjazzjoni, huwa importanti li tkun impenjata fil-ħidma regolatorja tal-ICAO u fit-tfassil tal-politika sabiex tikkontribwixxi għal politiki tal-avjazzjoni sodi fuq livell dinji. Barra minn hekk, hemm involuta wkoll il-kompetittività tal-industrija tal-avjazzjoni ċivili.

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju: il-ftehim huwa konkluż għal tul ta' żmien mingħajr limitu bil-possibbiltà għaż-żewġ partijiet li jitterminaw suġġett għal perjodu ta' notifikazzjoni ta' sitt xhur. Għall-ewwel tliet snin hemm previst baġit ta' EUR 500,000 kull sena. Dan l-ammont jista' jkun emendat fl-isfond ta' dawn il-bżonnijiet u l-esperjenza.

1.7. Il-metodu/metodi ta' ġestjoni previst(i): Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni jipprevedi l-ħolqien ta' kumitat konġunt biex jissorvelja l-attivitajiet kollha – kuntratti ta' għotjiet tal-UE se jipprovdut l-modalitajiet iddettaljati.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar: (1) Kumitat Konġunt se jsegwi l-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt dan il-memorandum ta' kooperazzjoni; (2) Il-ftehim ta' għotja tal-UE jipprevedi regoli standard ta' monitoraġġ u rappurtar (3) l-uffiċċju ta' kollegament tal-UE f'Montréal se jsegwi attivitajiet.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll: lil hinn mill-miżuri deskritti f'2.1, is-servizzi finanzjarji tal-ICAO u tal-Kummissjoni huma f'kuntatt mill-qrib biex jiżguraw applikazzjoni u kontroll rigorużi.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet: Il-finanzjament tal-UE se jkun irregolat permezz ta' ftehimiet ta' għotja tal-UE li jipprevedu l-miżuri neċessarji, inklużi prevenzjoni ta' kunflitt ta' interess, ħlas bin-nifs, ġustifikazzjoni ta' spejjeż u proċeduri ta' rkupru

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata: 060203 - Attivitàjiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-Trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa:

3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa ta' EUR 500,000 fis-sena. L-azzjonijiet konkreti jistgħu jieħdu l-forma ta' stazzjonar ta' esperti fil-kwartieri ġenerali tal-ICAO, konferenzi konġunti jew assistenza teknika lill-pajjiżi terzi, taħt il-koordinazzjoni tal-ICAO.

3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali: l-ikbar parti tal-appropriazzjonijiet totali se tkun operazzjonali.

3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva: mhux sinifikanti.

3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali: in-nefqa prevista hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali.

3.2.5. Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament: l-azzjonijiet konkreti mhumiex mistennija jinvolvu finanzjament ta' partijiet terzi.

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul: l-attivitàjiet mhumiex mistennija jżidu d-dħul.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)

1.2. Il-qasam/l-oqsma tal-politika kkonċernat/i fl-istruttura tal-ABM/ABB¹

060203 Attivitàjiet ta' Appoġġ għall-Politika Ewropea tat-Trasport u d-Drittijiet tal-Passiġġieri

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

X Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. L-għan/għanijiet strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Is-segwitu tal-politika Ewropea tal-avjazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-ICAO, li hija l-entità speċjali tan-NU responsabbli għall-avjazzjoni ċivili.

1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB kkonċernata/i

Għan speċifiku Nru.: 0602

Attività/attivitàjiet tal-ABM/ABB ikkonċernati: Trasport intern, tal-ajru u marittimu

1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija

Il-qafas għal kooperazzjoni fl-oqsma tas-sikurezza, is-sigurtà, l-ambjent u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għandu jwassal għall-koordinazzjoni u l-ġbir komuni ta' riżorsi tal-isforzi Ewropej lejn l-ICAO. Għalhekk, il-qafas huwa għodda addizzjonali li tinfluwenza l-aġenda u l-politika dinjija fl-isfond tal-prijoritajiet Ewropej.

¹ ABM: Ġestjoni Abbażi tal-Attivitajiet – ABB: Ibbagħtar Abbażi tal-Attivitajiet.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

L-indikaturi għall-monitoraġġ huma l-limitu safejn dan il-ftehim ta' qafas jippermetti lill-Ewropa tiġbor b'mod komuni r-riżorsi tagħha u ssegwi l-aġenda u l-għanijiet tagħha fil-livell internazzjonali. Għall-Ewropa huwa importanti li jkunu adottati standards ambizzjużi ta' sikurezza, sigurtà u tal-ambjent fil-livell internazzjonali biex ikun protett il-pubbliku li jivvjaġġa bl-ajru.

L-indikaturi huma ta' natura kwalitattiva: l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan il-Memorandum x'kontribut taw fl-influenzar tal-proċess tal-ICAO u x'riżultati pproduċew li huma ta' interess partikolari għall-Ewropa.

1.5. **Bażi għall-proposta/inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li għandhom jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil*

L-UE kisbet kompetenza fil-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-avjazzjoni. Din il-kompetenza għandha tkun tradotta fil-livell internazzjonali b'vuċi Ewropea waħda u azzjonijiet miftiehma b'mod komuni. Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni mal-ICAO jipprovdi qafas ta' azzjonijiet Ewropej ikkoordinati u jappoġġa l-attivitajiet tal-ICAO f'direzzjoni xierqa għall-għanijiet Ewropej.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involvement tal-UE*

L-azzjoni tal-UE tikkordina u tikkomplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri.

1.5.3. *Lezzjonijiet mitgħallma minn esperjenzi simili fil-passat*

Din hija azzjoni ġdida bbażata fuq il-kompetenza tal-UE fl-avjazzjoni ċivili, li għandha tittraduċi ruħha f'azzjoni koordinata f'fora internazzjonali. Il-pożizzjonijiet Ewropej f'diversi laqgħat u gruppi ta' ħidma tal-ICAO qed isiru dejjem iktar ikkoordinati. Il-memorandum ta' kooperazzjoni huwa pass loġiku u neċessarju f'din l-evoluzzjoni.

1.5.4. *Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Il-memorandum ta' kooperazzjoni se jipprovdi għodod addizzjonali għat-tlestija tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE għal attivitajiet tal-ICAO u se jżid il-viżibbiltà tal-Ewropa fil-livell dinji.

1.6. **Perjodu ta' żmien u impatt finanzjarju**

☐ Proposta/inizjattiva ta' **żmien limitat**

☒ Proposta/inizjattiva ta' **żmien mhux limitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' inizjalizzazzjoni mill-2011,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)²

- ☐ Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni
- ☐ Ġestjoni indiretta ċentralizzata b' delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:
- ☐ Ġestjoni maqsuma mal-Istati Membri
- ☐ Ġestjoni diċentralizzata ma' pajjiżi terzi

X Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali il-memorandum ta' kooperazzjoni jipprovdi għall-ħolqien ta' kumitat konġunt mal-ICAO u l-Kummissjoni bħala membri u fejn ikunu involuti l-Istati Membri.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Kumitat konġunt tal-ICAO – Kummissjoni bl-involvement tal-Istati Membri se jiddiskuti u jipproponi l-miżuri u l-azzjonijiet konkreti taħt il-Memorandum. Monitoraġġ u rappurtar regolari se jsiru kemm fil-livell tal-kumitat konġunt u fil-livell tekniku.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/Riskji identifikat(i)

Użu ħażin tal-fondi

Frodi

2.2.2. Metodu/Metodi ta' kontroll previst(i)

Il-fondi tal-UE se jkunu impenjati fuq il-bażi ta' ftehim ta' għotja. Il-ftehimiet standard speċifiċi ta' kontribuzzjoni tal-UE jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni adegwati inklużi awditjar u rkupru.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Ara 5.2.2

² Id-dettalji dwar metodi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-intestatura/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti se jintużaw:

Fl-ordni skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji:

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru 060203 Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-tasport u d-drittijiet tal-passiġġieri	AD/AMD ⁽³⁾	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁴	minn pajjiżi kandidati ⁵	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju.
1A	Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-tasport u d-drittijiet tal-passiġġieri	AD	LE	LE	LE	LE

³ AD = Approprijazzjonijiet differenzjati / AMD = Approprijazzjonijiet Mhux Differenzjati

⁴ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁵ Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	Numru 1A	Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi
---	----------	--

DĠ MOVE			Sena 2011 ⁶	Sena 2012	Sena 2013	Sena N+3	TOTAL
• Approprazzjonijiet operazzjonali							
Numru tal-linja tal-baġit 060203	Impenji	(1)	0.500	0.500	0.500		1.5
	Pagamenti	(2)	0.500	0.500	0.500		1.5
Numru tal-linja tal-baġit	Impenji	(1a)					
	Pagamenti	(2a)					
Approprazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁷							
Numru tal-linja tal-baġit		(3)					
TOTAL tal-approprazzjonijiet għad-DĠ MOVE	Impenji	=1+1a +3	0.500	0.500	0.500		1.5
	Pagamenti	=2+2a +3	0.500	0.500	0.500		1.5

⁶ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

⁷ Għajnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (preċedentemant linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0	0	0		
	Pagamenti	(5)	0	0	0		
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <....> tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=4+ 6	0.500	0.500	0.500		1.5
	Pagamenti	=5+ 6	0.500	0.500	0.500		1.5

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena N+3	TOTAL 2011-13
DĠ MOVE						
• Riżorsi umani		0.025	0.025	0.25	...	0.075
• Nefqa amministrattiva oħra		0.025	0.025	0.025	...	0.075
TOTAL DĠ MOVE	Appropriazzjonijiet	0.050	0.050	0.050	...	0.150

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	0.050	0.050	0.050	...	0.150
---	--	-------	-------	-------	-----	--------------

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena N ⁸	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	0.550	0.550	0.550	...	1.650
	Pagamenti	0.550	0.550	0.550	...	1.650

⁸ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appoprjazzjonijiet operazzjonali*

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta’ appoprjazzjonijiet operazzjonali.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tesiġi l-użu ta’ appoprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appoprjazzjonijiet ta’ impenn f’ miljuni ta’ EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati			Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal kemm-il sena hemm bżonn biex turi t-tul ta’ żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)								TOTAL	
	RIŻULTATI															
↓	Tip ta’ riżultat ⁹	Kost medju tar-riżultat	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Kost Numru ta’ riżultati	Numru u totali ta’ riżultati	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁰ Trasport Intern, tal-ajru jew marittimu																
- Riżultat	0.500	1	0.50	1	0.50	1										1.5
- Riżultat																
- Riżultat																
Subtotal tal-għan speċifiku Nru°1			0.500	1	0.500	1	0.500	1								

⁹ Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).
¹⁰ Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. “Għan(ijiet) speċifiku/ċi...”

KOST TOTALI	0.50 0	1	0.50 0	1	0.500	1										

3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sinteżi

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt, fl-intestatura 5 biss tal-qafas finanzjarju multiannwali: L-appropriazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jintlaħqu mill-appropriazzjonijiet li diġà huma allokati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew se jintużaw mill-ġdid, flimkien jekk ikun meħtieġ ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tkun mogħtija lid-DĠ li jmexxi fil-qafas tal-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet tal-baġit eżistenti.

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	... daħħal kemm-il sena hemm bżonn biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	--------------	--------------	--------------	--------------	--	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali								
Riżorsi umani	0.025	0.025	0.025					0.075
Nefqa amministrattiva oħra	0.025	0.025	0.025					0.075
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	0.050	0.050	0.050					0.150

3.2.3.2. Stima ta' riżorsi umani meħtieġa

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' riżorsi umani
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tesiġi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa massimu ta' ċifra waħda wara l-punt deċimali)

	Sena 2011	Sena 2012	Is- Sena 2013	Is-Sena 2014	... daħħal kemm-il sena hemm bżonn biex turi t- tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)								
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni)	0.015	0.015	0.015					
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)	0.010	0.010	0.010					
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)								
10 01 05 01 (Riċerka diretta)								
•								
TOTAL	0.025	0.025	0.025					

XX hija l-qasam tal-politika jew it-titolu baġitarju konċernat

Ir-riżorsi umani mitluba għandhom jiġu sodisfatti mill-persunal mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk dan ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti tal-baġit.

Deskrizzjoni ta' kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Ġestjoni tal-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni
Persunal estern	

3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva titlob programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tesiġi applikazzjoni tal-istrument ta' flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali¹¹.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi: mhux applikabbli.*

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/ l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

¹¹ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.